**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2023**

Rikors Numru: 377/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1052/1999)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata nhar is-27 ta' Gunju tas-sena elf disa mija u disa u disghin (27.06.1999). Dok A certifikat taz-zwieg anness:

2. Illi l-esponenti huwa l-missier naturali ta' zewgt (2) titfal imwielda fiz-zwieg u cioe D u E ahwa B, kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni innifssu datat 31 ta' Lulju 2009, hawn anness u immarkat Dok B: liema ulied llum huma maggorenni u jahdmu, iz-zewgt ulied l-ohra ma humiex ulled naturali tal-esponent kif ikkonfermat mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni innifsu u b'lestijiet genetici apposite;

3. Illi l-esponent irrinunzja mid-dritt li jitlob u jottjeni manteniment mingħand l-intimata. filwaqt li l-intimata kienet iddekadiet mid-dritt li titlob l-istess;

4. Il fir-rigward tal-ulied D u E, jimizulta li ma hemm ebda pendenzi ta' manteniment jew spejjez;

5. Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet għandhom hajja totalment separata minn xulxin:

6. IIli dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall- ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 668 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta’ Lulju 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikat ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Lulju 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.